# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 552/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Maria PACE (ID. Nru. 19985M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-13 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' erba' mija tlieta u sebghin euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro [€473.94c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€473.94) in konnessjoni ma' servizz ta' internet fuq 21331428 (AC40135238), liema servizz gie ikkuntrattati mal-maltaNET operata minn Datastream Ltd, l-obbligi u d-drittijiet ta' liema gew assunti mis-socjeta Attrici.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata skond il-ligi fil-21 ta' Lulju, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li s-socjeta rikorrenti, fis-seduta tal-lum, resqet nota li permezz taghha cediet t-talba stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li fis-seduta tal-lum Charmaine Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti kkonfermat bil-gurament taghha li l-hlas sar fit-23 ta' Settembru, 2015.

Ra li Dott. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti talbet il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta' erba' mija tlieta u sebghin euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro [€473.94c], in konnessjoni ma' servizz ta' internet fuq 21331428 (AC40135238), liema servizz gie ikkuntrattati mal-maltaNET operata minn Datastream Ltd, l-obbligi u d-drittijiet ta' liema gew assunti mill-istess socjeta rikorrenti.

   Ikkunsidra;

2. Charmaine Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet illum stess u kkonfermat li l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri thallsu fil-mori tat-Talba u cioe fit-23 ta' Settembru, 2015.

3. Ra n-nota ta' cessjoni, mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum, li permezz taghha cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

   Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-intimata baqghet ma resqet l-ebda provi minkejja li kellha kull opportunita li taghmel dan.

5. Il-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

6. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

7. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

8. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata fil-21 ta' Lulju, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

9. It-Talba odjerna tresqet fit-13 ta' Lulju, 2015 u kien biss fit-23 ta' Settembru, 2015 li thallas is-sorte mill-intimata lis-socjeta rikorrenti.

10. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti ghall-ispejjez hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

11. Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ispejjez tat-Talba huma dovuti mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba ghar-rigward tas-sorte, in vista tan-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum, qieghed jilqa t-talba taghha ghar-rigward ta' l-ispejjez u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**